# "Il-Ghira" Ta' Dun Karm

*Studju Kritiku ta' Ivo Galea*

Waħda mill-isbaħ poeżiji ta' Dun Karm. Poeżija maħduma bl-akbar sengħa; għolja fil-leħma, għanja fir-ritmu tagħha. Poeżija li turi tajjeb kif suġġett għoli jista' jitfisser sewwa bi stil mexxej u bi kliem ħaj, magħżul u mżewwaq; kliem maħdum u mirqum fin-nar ta' qalb li tħoss. Il-poeżija hi saffika ta' ħames sillabi. Il-Għira hi ippersonifikata u l-poeżija mill-bidu li jaħsdek sa l-aħħar, hi "apostrophe" u tibda qawwija.

*"Qbadtek tħares minn taħt u ġewwa ħarstek*
*Kien hemm bħal leħħa kerha ħadranija,*
*Lewn wiċċek kien imdardar..."*

Donnu l-poeta kien qiegħed jgħasses lil xi għajjur, li fl-aħħar taħ daqqa t'għajn minn taħt 'il taħt sewwa sew kif iħares bniedem għajjur lejn xi ħadd. Nisthajjel, il-poeta juża s-saffika ta' ħamsa, aħjar milli ta' seba' sillabi, biex biha jurina l-ħarsa qasira li jixħet l-għajjur minn taħt il-għajn.

Il-vrus mexxejja jgħinu biex l-istrofi jidħlu ġo xulxin b'daqq ħelu w meqjus. Ħfief huma l-vrus, daqs kemm ħafifa għaġġlet it-taħbit tagħha l-qalb ta' l-għajjur meta l-imsejken

*"...kien għaddej bis-sliema*
*bla ħsieb bla biża';"*

Ħfief daqs kemm ħafifa ħarġet il-vleġġa minn idejn l-għajjur; ħfief, daqs kemm ħfief ġrew idejn l-imsejken fuq il-vleġġa meta

*"...fis 'il barra*
*Fittex jislitha."*

F'din il-poeżija aktar minn f'poeżijiet oħra, Dun Karm jurina s-sengħa tiegħu bħala pittur. Biex ifissrilna l-kruħa tal-għira, ma għażilx kuluri sbieħ li jlellxu, imma kuluri koroħ; aħdar bħal *leħħa kerha"*; iswed bħat-*tikmixa fonda ħafna"* li għandha l-għira bejn ħaġeb u ieħor. Wara dawn Dun Karm jatina deskrizzjoni sabiħa—*"il-ħaruf qawwi u smin jiżżagħbel fil-mergħa ħadra għal għajn ix-xemx ma' ġenb il-mewġa safja ta' l-ilma li sserrep u tgelgel"*. Dana jagħmlu biss biex jurina aktar biċ-ċar il-kruħa tal-Għira. Deskrizzjoni oħra, sabiħa u ħajja taqbeż quddiemek hi ta' l-għajjur meta jinżel sa l-art bir-rkobba l-lemenija jqiegħed il-minkeb xellugi fuq l-irkobba l-oħra *"biex il-qaws ma jilgħabx"*. Xena oħra maqlugħa imma tbikkik u fl-istess ħin turik kemm għandek titbiegħed mill-għira,

hi ta' l-imsejken, li kif ħass *"kiesħa ġo sidru mwaħħla l-ħadida mingħajr ma ra fid-dalma li għattietha l-id li tefgħetha"* ħares imbikkem lejn is-sema b'idu fuq sidru, u meta tħajjar jislitha l-laħam iċċarrat u d-demm beda jgelgel.

Kemm jiddiskriviha tajjeb il-ħeffa li biha jħejji ruħu l-għajjur—*Iżda fid-dlam, flejt bir-reqqa l-qaws u l-watar—ħriġt minn ġo darek—staħbejt qgħadt tistenna."* Wara dawn l-istrofi l-poeta jwaqqaf daqsxejn mill-ħeffa ġerrejja tal-poeżija, biex iġibilna quddiem għajnejna kwadru ieħor, tal-bniedem li l-għajjur kien *"bejjet f'qalbu"*. Juża issa aġġettivi sbieħ bħal *dar kennija" "mejda fqajra imma" hienja "bis-sliema, bla ħsieb, bla biża."* Jarġa' f'daqqa l-poeta jati ħeffa lill-poeżija xhin igħidilna li l-għajjur lemħu ġej: *"ħassejt bħal ferħ, qalbek għaġġlet ittaħbit tagħha, il-vleġġa ħejjejt, ħaddimt is-saħħa tal-qaws, inżilt sa l-art serraħt kemm kemm il-minkeb.."* Salt verbi jiġru wara xulxin, jiġifieri għemil wara l-ieħor, u b'hekk il-poeta jurina l-biża' li jkollu l-għajjur li l-ħsieb mhux sejjer iseħħ, sa ma fl-aħħar jagħmel il-ħsieb li jkollu...

*" immirajt sew sewwa*
*għal dik in-naħa fejn il-qalb b'taħbita*
*iżżomm il-ħajja."*

Għandha l-poeżija xi vrus li bihom il-poeta jurina, mhux il-ħeffa, iżda l-ħrara li biha l-għajjur iħejji ruħu, l-aktar fejn igħidilha l-għira *"Raqqajt il-vleġġa ta' l-azzar, semmemtha*
*u flejt bir-reqqa*
*il-qaws u l-watar."*

F'dawn il-konsonanti mtennija l-poeta jġagħalna nisimgħu t-tgħawwiġ tal-qaws. Għandha ħafna kliem ieħor onomatopejku bħal: id-demm igelgel, iċċarċar, tvenvnu, tkarkar.

Għandu l-poeta fiha frażijiet sbieħ u espressjonijiet realistiċi bħal: *ġibda li tixbaħ koċċ il-leblieba illi tħoss tigra msawma"—"demm sħajjen"—"xewkiet maqluba"*.

Ma hemmx kelma waħda fil-poeżija li ma hix flokha jew tidher xi ftit imġebbda. Kliem mill-isbaħ, ħiereġ dritt mill-qalb għall-pinna bla ebda tiġbid. Kliem li jżewwaq il-ħsieb ħelu u għoli tal-poeta. Kliem li fih ilemmaħ ħafna sbuħija bħal: ħelwa daqs il-għasel id-daħka bħal ta' tifla ċkejkna, *"il-mewġa safja ta' l-ilma li sserrep u tgelgel."* Kliem, l-aktar l-aġġettivi, li fih tistgħall is-sengħa ta' Dun Karm: aġġettivi hekk mislhuta tajjeb, u qegħdin hekk marbuta mal-ħsieb li biex tispjegahom taqa' għalihom stess, donnhom dawk u dawk biss jistgħu joqogħdu hemm; tara li aġġettivi oħra huma fqar biex jingħaqdu mal-ħsieb tal-poeta, waqt li l-poeta bl-akbar sengħa ma' ħsibijiet għolja jqiegħed aġġettivi milquta w għolja daqshom.

Fl-aħħarnett, wara li Dun Karm *"qabadha tħares minn*

*taħt*", ra l-ħjiena u l-kefrija tagħha, donnu issa qiegħed jifraħ għax jaf li l-ferħ, jekk jista' jissejjaħ ferħ, għaliex hu stess igħidilha ħassejt "bħal ferħ" kien għomru qasir.

*Imma jien nobsor li ma damx il-hena*
*Jgħaxxaqlek qalbek, ja għira misħuta:*
*Bosta drabi fis-semm li ħżint għal ġarek*
*Sibt il-mewt tiegħek.*